Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għall-katekisti, imsejħa biex iħabbru l-Kelma t'Alla: jalla jkunu xhieda tagħha, bil-kuraġġ u l-kreatività, u bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu.



**Qari:** *Il-Papa Franġisku lill-parteċipanti fil-Konferenza Episkopali Taljana nhar is-Sibt, 30 ta' Jannar, 2021*

"Għalhekk il-katekeżi għandha tkun minsuġa mar-relazzjonijiet personali. M'hemmx katekeżi awtentika jekk nieqsa mix-xhieda tal-bnedmin tad-demm u l-laħam. Min minn fostna ma jiftakarx imqar wieħed/waħda mill-katekisti li kellu? Jien niftakar: niftakar fis-soru li ħejjietni għall-Ewwel Tqarbina u li kienet tant ġentili miegħi. Dawn huma l-ewwel protagonisti tal-katekeżi, messaġġiera tal-Evanġelju, spiss nies lajċi, li bil-ġenerożità jimpenjaw ruħhom biex jaqsmu s-sbuħija tal-laqgħa tagħhom ma' Ġesù. Min huma l-katekisti? Huma nies li jżommu ħajja l-memorja ta' Kristu, iżommuha ħajja fihom - huma dawk li jżommu għaddejja l-memorja tal-istorja tas-salvazzjoni - u għandhom ħila jerġgħu jqajmuha fl-oħrajn...... Il-katekist hu nisrani li din it-tifkira jpoġġiha għas-servizz tat-tħabbir, mhux biex jagħmilha tal-importanti, mhux biex jitkellem dwaru nnifsu iżda biex jitkellem dwar Alla, dwar imħabbtu u l-fedeltà tiegħu."

Mulej, Inti kbir bil-bosta. Inti tħobbna b'imħabba bla qies!
Inti tagħmel l-ewwel pass biex tiltaqa' magħna.
U meta jkollna relazzjoni personali miegħek,
Inti tgħidilna: "Ibqgħu fl-imħabba tiegħi,
ibqgħu marbuta miegħi u tagħmlu l-frott."
Mulej, inti ssejħilna biex inħabbru l-Kelma tiegħek
u nagħtu xhieda tiegħek fil-ħajja tagħna.
Mulej, nitolbu skont il-fehma ta' Papa Franġisku,
sabiex il-katekisti, imsejħa biex iħabbru l-Kelma t'Alla,
ikunu xhieda tagħha, bil-kuraġġ u l-kreatività,
u bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu.
Nitolbuk, Mulej, sabiex il-katekisti
jħarsu u jkabbru l-memorja tiegħek
u tal-Kelma tiegħek fil-ħajja tagħhom
u biex ikunu kapaċi jqanqluha fil-qlub tal-oħrajn.

Mulej, nitolbu sabiex tgħin lill-katekisti
jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom
u biex ikunu koerenti fil-ħajja ta' kuljum,
ħalli jkunu jistgħu jiggwidaw lill-oħrajn lejn laqgħa miegħek.
Agħmel, Mulej, li l-fidi tagħhom
timliehom kollha ħeġġa għall-Kelma tiegħek
u li tħeġġilhom qlubhom biex ifittxu s-salvazzjoni fik,
Int li tagħtina l-ħajja, issaffina, tikkurana u titmagħna.
Għinhom, Mulej, biex ma jgħajjew qatt
joħorġu jiltaqgħu mal-oħrajn biex jitkellmu magħhom dwarek,
dwar l-imħabba kbira tiegħek u dwar il-fedeltà tiegħek.
B'hekk, bl-eżempju ta' ħajjithom, huma
jiggwidawhom għal-laqgħa ma' Ibnek Ġesù.

**KANT**

**Qari:** *Diskors ta' Papa Franġisku lill-Katekisti fid-29 ta' Settembru, 2013.*

Alla jibqa' dejjem fidil u kreattiv. Imma ma nistax nifhem kif katekist ma jkunx kreattiv. Il-kreattivitá hi bħal kolonna għal min irid ikun katekista. Alla hu kreattiv, mhux magħluq, u għalhekk Hu qatt ma hu riġidu magħna. Alla mhux riġidu! Jilqagħna, jiġi jiltaqa' magħna, jifhimna. Biex inkunu fidili, biex inkunu kreattivi, jeħtieġ inkunu kapaċi ninbidlu. Inkunu nafu ninbidlu. U għax għandi ninbidel? Dan biex naddatta ruħi għaċ-ċirkustanzi li fihom irrid inħabbar il-Vanġelu. Biex nibqgħu ma' Alla jeħtieġ inkunu nafu noħorġu barra minna nfusna, ma nibżgħux ninfetħu. Jekk il-katekista jħalli l-biża' jirbħu, ikun beżżiegħ, jekk katekista joqgħod trankwill, jispiċċa qisu statwa f'mużew, u minn dawn għandna ħafna! Jekk jogħġobkom ma rridux statwi tal-mużew! Jekk katekista hu riġidu, jitqadded u jsir sterili.

Mulej għin lill-katekisti sabiex jgħixu dejjem fil-preżenza tiegħek
u biex ma jaqtgħux qalbhom u jkunu dejjem pronti
sabiex jaddattaw għaċ-ċirkustanzi li jsibu rwieħhom fihom.
Għinhom, Mulej, biex ikunu kapaċi
jgħaddu l-fidi "b'lingwaġġ ċar",
lingwaġġ li jiġi mill-qalb,
u li bih ikunu kapaċi jispjegaw
u jmissu l-qalb tat-tfal u taż-żgħażagħ li jkunu
qed jaqsmu l-fidi tagħhom magħhom.

Nitolbu sabiex il-katekisti jibqgħu fidili lejn il-Kelma tiegħek,
u permezz tal-Ispirtu tiegħek jagħmlu sforz
biex jgħallmu b'mod interattiv u interessanti għad-dinja tal-lum
biex b'hekk ikunu aktar effettivi
waqt li huma jkunu qed ixandru t-tagħlim tiegħek.
Mulej, nitolbuk sabiex tgħin lill-katekisti
biex jifhmu li fiż-żminijiet tal-lum jeħtieġu
intelliġenza u kuraġġ biex jissawru għodod ġodda
li bihom in-nies tal-lum jaslulhom
l-għana u l-ferħ tal-Kelma tiegħek
u r-rikkezza u l-ferħ tas-sħubija mal-Knisja.
Mulej, Int ħeġġiġt il-komunitajiet Insara bikrija
ħalli jħabirku biex ixerrdu u jiżviluppaw il-Vanġelu;
ħeġġeġ anki llum lill-Knisja biex tifhem
liema jistgħu jkunu l-espressjonijiet ġodda
li bihom tista' tkompli tibqa' fidila lejn il-Kelma tiegħek
biex twassal il-Vanġelu lil kullħadd.
Fuq kollox, Mulej, għinna nifhmu
li l-katekisti mhumiex biss dawk li jgħallmu l-katekiżmu lit-tfal,
iżda huma wkoll dawk li huma lesti
li joħorġu barra mill-kumdità tagħhom
u jmorru jiltaqgħu ma' dawk li huma għatxana
biex jiltaqgħu miegħek u mal-Kelma tiegħek,
anke forsi mingħajr ma jafu.
Mulej, għin lill-katekisti kollha
sabiex jagħrfu jkunu qrib in-nies,
miftuħa għad-djalogu, paċenzjużi,
u dejjem lesti biex jilqgħu bl-imħabba u mhux jikkundannaw.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbu skont l-intenzjoni ta' Papa Franġisku għal dan ix-xahar, biex il-katekisti, imsejħa biex iħabbru l-Kelma t'Alla, ikunu xhieda tagħha, bil-kuraġġ u l-kreatività, u bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex timla lill-katekisti bil-ħeġġa ħalli jkunu jistgħu jħabbru l-Kelma tiegħek fiż-żminijiet tal-lum fejn qed issir iktar diffiċli minħabba d-diversi realtajiet ġodda.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħti l-grazzja tal-Ispirtu tiegħek lill-katekisti kollha biex jagħrfu jużaw ir-riżorsi moderni b'mod kreattiv, biex jilħqu lit-tfal, adolexxenti u żgħażagħ bl-aktar mod effettiv, u biex il-ġenituri jkomplu mal-ħidma tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Agħmel, Mulej, li l-Ispirtu jsejjaħ irġiel u nisa li jkunu lesti biex ixandru il-Kelma tiegħek lil tant persuni li qed jistennew li jiltaqgħu mal-ġmiel, mat-tjieba u mal-verità tal-fidi Nisranija.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbulk Mulej.

Mulej, nitolbuk biex ilkoll kemm aħna nkunu rġiel u nisa li jħarsu u jkabbru l-memorja ta' Alla fil-ħajja tagħhom u jkunu kapaċi jqanqluha fil-qlub tal-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nirringrazzjawk, Mulej, għal tant lajċi, irġiel u nisa, li jieħdu sehem dirett fit-tixrid tal-Vanġelu u li jiddedikaw ħajjithom għat-tagħlim tal-katekiżmu, filwaqt li jagħtu xhieda b'ħajjithom tal-fidi tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.